MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 2380/2004

**Damien Iwueke (ID 408793M)**

**vs**

**Kevin Vella ghan-nom u in rapprezentanza ta Satellite Link Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta Dicembru 2004 fejn
intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-
attur is-somma ta erba mitt lira (Lm400) rapprezentanti refuzjoni ta
flus imhallsa ghal sistema ta satellite minnhabba receiver u
accessorji difettuzi li rrizulta in segwitu tal-bejgh u dana fiz-zmien tal-

garanzija u liema difetti baqghu ma gewx rimedjati nonostante
nterpellanzi f'dan is-sens.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-
subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 6 ta Marzu 2006 fejn fl-ewwel lok gie eccepit l-inkompetenza ta dan it-Tribunal u fit-tieni lok u fil-meritu it-talba hija fattwalment u legalment infondata u kif ukoll li l-attur naqas li jiehu l-prekawzjonijiet biex jimminimizza d-danni. Oltre dan l-attur baqa ma accettax l-offerta tas-socjeta konvenuta sabibex jirrimedja l-hsara u ghalhekk se mai ma ghandhiex tbaghti l-ispejjes ta dina l-kawza. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni tal-abbli konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi fil-kaz in ezami it-Tribunal kellu l-opportunita li jisma jixhed kemm lill-attur u kif ukoll lil rapprezentant tas-socjeta konvenuta u li bejniethom ftit li xejn gie riskontrat xi divergenza jew diskrepanza fuq il-verzjonijiet fattwali minnhom moghtija.

Illi difatti jidher li mhux kontestat is-segwenti:-

a) li l-attur xtara sistema ta satellite TV minnghand is-socjeta konvenuta bl-accessorji kollha ndikati f'Dok A a fol 2 tal-process versu l-prezz ta Lm400 li thallsu kollha ghas-saldu;
b) Li r-reciever mixtri rrizultatlu xi hsara xi zmien wara u biex jissewwa dan kellu jintbghat lejn il-Germanja;
c) Peress li l-attur kien mghaggel biex dan jissewwa huwa verosimili li s-socjeta konvenuta tkun offrietlu li tibghatulu bid-DHL prevja li l-ispiza relattiva ta Lm20 jew Lm30 (huwa irrilevanti kemm) tkun a kariku tal-attur

peress li ma jkun ser jintbghat bhala freight normali pero b'sistema aktar zbrigattiva;
d) Li l-attur ma accettax li jhallas tali spiza u kwindi ha lura mieghu r-receiver li baqa sa llum ghandu u spicca biex xtara iehor ghal prezz ta Lm110;
e) Li r-receiver il-gdid tqabbad maz-zewg dishes u mal-accessorji l-ohra kollha li l-attur kien xtara originarjament mis-socjeta konvenuta;
f) Li l-oggetti kollha mixtrija minnghand is-socjeta konvenuta baqghu fil-pussess u ghadhom sa llum jintuzaw mill-attur pero mqabbda mar-receiver il-gdid;
g) Li l-attur jikkonferma li permezz tar-receiver il-gdid kif imqabbad huwa ma hux qed jiskontra ebda problemi;
h) Illi skond ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta, ir-receiver minnu mibjugh kien jiswa madwar Lm130 u ghalhekk se mai il-valur tat-telf tal-attur fuq dan il-bejgh kien limitat biss ghal tali receiver liema valur jidher ragjonevoli tassew meta mqabbel mas-somma ta Lm110 li l-attur kien hallas ghal dak gdid;
i) Illi ma hemmx dubbju li s-socjeta konvenuta hija responsabbli fil-konfront tar-receiver difettuz li hija bieghet partikolarment meta tqis li dan baqa ma ssewwiex.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talbiet attrici pero dana limitatament biss ghas-somma ta mija u tletin lira rapprezentanti l-valur tar-receiver difettuz mixtri u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur l-imsemmija somma ta mija u tletin (Lm130) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jithallsu interament mill-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------